Kif tgħin lit-tarbija tiegħek tiżviluppa intellettwalment

- Minn Liza Padovani B.A. (Hons) Psych., PGCE, M. Psy, Educational Psychologist (Tel: 9945 2310)

**It-tfal jitwieldu bil-ħiliet uniċi tagħhom u b'potenzjal li qiegħed hemm biex jiġi żviluppat.** Il-ġenituri għandhom ir-rwol kruċjali li jgħinu lil uliedhom jiżviluppaw dan il-potenzjal sal-massimu tiegħu. Mill-postijiet kollha fejn it-tfal żagħar iqattgħu ħinhom, l-ambjent tad-dar huwa l-aktar wieħed importanti għall-iżvilupp tagħhom. L-ambjent fiżiku tad-dar u l-mod kif il-ġenituri jrabbu lil uliedhom huma aspetti importanti ħafna.

Riċerka li għamlu l-psikologi turi li ġenituri li jipprovdu dar mimlija kotba u ġugarelli, li jagħtu ħafna mħabba lil uliedhom, li jistimulaw l-iżvilupp tal-lingwa u t-tagħrif akkademiku u li jieħdu lil uliedhom f'postijiet fejn hemm affarijiet interessanti x'wieħed jara u jagħmel, ikunu qegħdin jinkoraġġixxu l-iżvilupp intellettwali ta' wliedhom. Naturalment dan jirrikjedi ħin, paċenzja u, xi drabi, flus ukoll, għalkemm il-mod kif il-ġenituri u l-ulied iġibu ruħhom ma' xulxin huwa aktar importanti minn fatturi materjali.

Ejjew nagħtu ħarsa lejn kif tista' tinkoraġġixxi l-iżvilupp intellettwali ta' wliedek ċkejknin. Li tipprovdi ambjent stimulanti huwa essenzjali għall-iżvilupp intellettwali bikri tat-tfal. Iżda kif se tagħmel biex toħloq ambjent stimulanti fid-dar? Offri lil uliedek għażla varjata ta' ġugarelli, logħob u kotba adattati għall-eta` tagħhom. Ipprovdilhom ġugarelli ta' daqsijiet, materjali, kuluri u ħsejjes differenti. Kun kreattiv. M'hemmx bżonn tixtri ġugarelli għaljin. Xi oġġetti li ssib fid-dar stess, bħal reċipjenti tal-plastik, jistgħu jkunu interessanti ħafna u jipprovdu divertiment għal tfal żagħar li b'eċċitament kbir qegħdin jiskopru d-dinja ġdida ta' madwarhom.

**Ħalli lil uliedek jiskopru l-ambjent ta' madwarhom**. Ixxejjinx l-inizjattivi tagħhom, anke jekk dan ifisser li jkollok titlaq minn idejk ix-xogħol li qed tagħmel. Ħeġġeġ f'uliedek l-imħabba għat-tagħlim. Għalkemm huwa importanti li tgħallem fatti speċifiċi lit-tarbija tiegħek, daqstant ieħor huwa importanti li tgħallem lit-tfal kif jitgħallmu u tnissel fihom imħabba għat-tagħlim. Stieden lil uliedek biex isiru parteċipanti attivi fid-dinja tagħhom stess. Ngħidu aħna, tista' tilgħab magħhom logħob li juri l-kawża u l-effett, eżempju timla kikkra bl-ilma u terġa' tferrgħu

minnha jew tagħti daqqa lis-soft toy imdendel fuq il-cot biex jarawh jitbandal. Inkoraġġixxi l-kurżita` u l-kreattivita` ta' wliedek. Ħallihom jilagħbu bil-ġugarelli b'kull mod li jridu, anke jekk għalik dan hu mod mhux tas-soltu.

Tagħmel tajjeb ukoll jekk toħloq sitwazzjonijiet fejn it-tfal iridu jsolvu problemi li inti temmen li kapaċi jsolvu. Huwa importanti ħafna li tħalli lil uliedek stess jiggwidawk dwar dak li huma lesti biex jagħmlu. Iġġiegħelhomx jagħmlu affarijiet li jmorru lil hinn mil-limitu tagħhom. Żomm f'moħħok li huwa importanti ħafna li tibni fuq is-suċċessi żagħar tat-tfal filwaqt li ma ġġiegħelhomx iħossuhom frustrati jew mhux tajbin biżżejjed meta ma jirnexxilhomx iwettqu dak mitlub minnhom. Ftakar ukoll li huwa ħafna iżjed importanti li t-tfal jitgħallmu jitħalltu ma' l-oħrajn milli jagħrfu l-kuluri, il-forom, l-ittri u n-numru qabel jibdew imorru l-iskola!

Huwa importantti wkoll li ninkoraġġixxu lit-trabi biex jiżviluppaw is-sensi kollha kif ukoll il-ħiliet magħrufa bħala "gross motor skills" (eż: joqogħdu bil-qiegħda, jirromblaw u jimxu) u l-ħiliet magħrufa bħala "fine motor skills" (eż. jużaw is-swaba'). Dan għaliex il-ġisem ta' tarbija huwa l-mezz li permezz tiegħu hija tista' tesplora d-dinja. Ipprova ħalli lit-tarbija tiegħek tiċċaqlaq fil-liberta` minflok iżżommha għal ħinijiet twal f'postijiet ristretti bħall-playpen, il-highchair jew il-pushchair. Ħalliha tesplora u tesperimenta, basta tkun f'post mingħajr periklu u taħt superviżjoni. Barra minn hekk, meta tesponi lit-tarbija tiegħek għal ambjenti differenti, bħall-bandli, il-ħwienet u l-baħar, u ssemmilha l-affarijiet li qed taraw madwarkom, tkun qed tgħinha titgħallem ukoll.

**Kemm il-ġenituri ikellmu lil uliedhom huwa importanti wkoll.** Kellem lit-tarbija tiegħek. Semmi l-oġġetti, l-annimali u n-nies li t-tarbija tkun qed tara. Semmi partijiet tal-ġisem. Aqralha poeżiji u stejjer sempliċi u wrieha l-istampi int u taqra. Agħtiha kummentarju ta' l-affarijiet li inti qed tagħmel. Tkellem bil-mod u rrepeti kliem importanti. Ngħidu aħna, "Il-mama` qed tlestilek il-ħalib. Ara, ħalib." Jew, "Ejja nbiddlu l-ħarqa. Ara, ħarqa." Il-lingwa tista' tgħin lit-tfal ukoll biex jitgħallmu kunċetti oħra, fosthom id-daqs. Ngħidu aħna, "B'liema ballun se nilagħbu, bil-kbir kew biż-żgħir?"

Ħeġġeġ lil uliedek biex iwettqu l-għanijiet tagħhom. Il-ġenituri għandhom ifaħħru lil uliedhom u jinkoraġġuhom biex jemmnu fihom infushom. Ftakar li t-tfal ma jistgħux jaraw lilhom infushom. Huma jiġġudikaw lilhom infushom skond ir-reazzjonijiet ta' dawk ta' madwarhom. Il-ġenituri

huma bħal mirja li juru lit-tfal kif inhuma. Jekk irridu lit-tfal jemmnu fihom infushom, irridu ninkoraġġuhom u noqogħdu attenti x'ngħidu quddiemhom biex huma jħossuhom tajjeb dwarhom infushom.

**Fl-aħħarnett, tagħmel x'tagħmel, toħloqx pressjoni fuqek innifsek jew fuq it-tarbija tiegħek biex tikseb ir-riżultati mixtieqa. L-aktar kelma importanti hija LOGĦOB, u l-logħob għandu jagħtina pjaċir. It-tagħlim li jiġi miegħu huwa bonus, anke jekk wieħed importanti**!

(c) 2006 Liza Padovani